**FIL-QORTI KOSTITUZZJONALI**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**Seduta tat-13 ta' Ġunju, 2017**

**Rikors Nru. 244/17**

**Perit Daniel Micallef et noe**

**v**

**Kummissjoni Elettorali**

1. Dan huwa provvediment fuq żewġ rikorsi, wieħed tal-Onorevoli Carm Mifsud Bonnici u tal-Onorevoli Fredrick Azzopardi tat-12 ta' Ġunju 2017 li bih qegħdin jitolbu li din il-Qorti tordna li jiġu msejħa fil-kawża fl-ismijiet premessi pendenti quddiem din il-Qorti, u l-ieħor tal-istess data li bih il-Partit Nazzjonalista qiegħed ukoll jitlob li jiġi msejjaħ f'din l-istess kawża.

2. Il-qorti rat is-sentenza tagħha tad-29 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet **Partit Nazzjonalista et v Kummissjoni Elettorali** et fejn ġie ritenut li "F'kull każ, iżda, il-Partit Laburista jista' jiqies illi ... għalkemm ma huwiex fost dawk li 'jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji', madankollu r-rimedju mogħti jolqot il-pożizzjoni legali tiegħu u għalhekk il-preżenza tiegħu hija meħtieġa biex jista' jingħata dak ir-rimedju".

3. Il-Qorti hi tal-fehma li fil-każ ta' llum jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti l-pożizzjoni legali tal-Onorevoli Carm Mifsud Bonnici, l-Onorevoli Fredrick Azzopardi u tal-Partit Nazzjonalista ċertament tista' tiġi milquta u għalhekk il-preżenza tagħhom hija meħtieġa f'din il-kawża.

   Għaldaqstant tilqa' t-talbiet imsemmija u tordna li jissejħu fil-kawża l-Onorevorli Carm Mifsud Bonnici, l-Onorevoli Fredrick Azzopardi u l-Partit Nazzjonalista.

Onor. Imħallef Silvio Camilleri

Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo

Onor. Imħallef Noel Cuschieri

Dep. Reg.